# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni 1405/22**

**(Rikorrent) Is-soċjetà AME Health and Safety Services Limited (C-44347)**

**Kontra**

**(Intimati)**

**(1) Aldo Busuttil, karta ta' l-identità numru 295564(M) f'ismu propju u għan-nom tas-soċjetà ame Environment Health and Safety Services Limited (C103282); (2) Charlot Caruana, karta ta' l-identità numru 422374M; (3) Rosabelle Cutajar Fiorini, karta ta' l-identità numru 252875M; (4) Joshua Spiteri, karta ta' l-identità numru 389291M; (5) Kurt Attard, karta ta' l-identità numru 480093M u (6) Joe Camilleri, karta ta' l-identità numru 30166G**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' AME Health and Safety Limited (is-Soċjeta' Rikorrenti) tal-20 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta ta' Joshua Spiteri, Kurt Attard u Joe Camillieri (l-ewwel intimati) tas-26 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta ta' Aldo Busuttil f'ismu propju u għan-nom tas-Soċjeta' ame Environment and Health and safety Services Limited (l-intimat Busuttil propio

u /jew nomine) u l-intimati Charlot Caruana u Rosabelle Fiorini (it-tieni intimati) tas-26 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha f'dawn il-proċeduri.

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jissottomettu fis-seduta tas-26 ta' Ottubru.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-fatti huma ċari. L-intimat Aldo Busuttil personalment huwa soċju b'numru konsiderevoli ta' ishma fis-Soċjeta' rikorrenti. Din is-Soċjeta jidher li għandha numru konsiderevoli ta' proġetti li qed tieħu ħsieb u dan fl-ammont ta' mitejn u ħamsin (250) proġett, li ma hux numru żgħir.

Ir-relazzjoni bejn l-intimat Aldo Busuttil u s-Soċjeta' rikorrenti qrasu sal-punt li anke ġiet presentata kawża għall-likwidazzjoni u xoljiment tas-Soċjeta' rikorrenti. L-intimat u kif ukoll l-intimati l-oħrajn qua impjegati jew *service providers*, kollha kellhom x'jaqsmu max-xogħolijiet u proġetti imsemmija, kummisjonati minn terzi lis-Soċjeta' rikorrenti. F'xi punt ir-relazzjonijiet bejn Aldo Busuttil u s-soċjetajiet l-oħrajn fis-Soċjeta rikorrenti ħżienu sal-punt li l-intimat Aldo Busuttil fis-27 ta' Settembru 2022 irreġistra is-Soċjeta' intimata, biħ bħala l-uniku azzjonista u uffiċjal (ara Dok A mar-risposta tiegħu).

Jidher li fit-2 ta' Awwissu 2022, l-intimat Aldo Busuttil personalment irreġistra l-isem ame health and safety services ltd bil-logo kif jidher f'paġna 2 tad-Dok G

presentata mar-riposta minn Aldo Busuttil nomine. L-intimati l-oħra, li jidher li kienu jagħtu s-servizzi tagħhom lis-Soċjeta' rikorrenti, b'uħud mill-proġetti għadhom pendenti, fil-kapaċita' professjonali tagħhom irriżenjaw minn magħha. Illum qiegħdin jew disposti li jagħtu s-servizzi tagħhom lis-Soċjeta' intimata kif rappreżenata minn Aldo Busuttil.

In vista' ta' dan, is-Soċjeta' rikorrenti trid li żżomm lil-intimati kollha milli jagħmlu dak li qed titlob fir-rikors tagħha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Li qabel xejn, din il-Qorti għandha żżomm distinzjoni bejn, il-problemi li jeżistu bejn l-intimat Aldo Busuttil f'ismu propju u anke nomine u s-Socjeta' rikorrenti, u l-intimati l-oħra kollha li tajjeb jew ħażin jaġixxu fil-kwalita' professjonali tagħhom u li jagħtu servizz lil kull min jitlobhom. F'dan il-każ, il-Qorti tħoss li l-kwistjoni ma tolqotx lilhom anke jekk is-Soċjeta' rikorrenti għandha lmenti kontra l-imsemmi Aldo Busuttil propjo et nomine.

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li jeżisti xebħ kbir bejn l-ismijiet tas-Soċjeta' rikorrenti u dak tas-Soċjeta' intimata. Bl-ammont ta' proġetti li għandha bħal issa s-Soċjeta' rikorrenti, ma jistax ikun eskluż li għandha isem avvijat fis-suq.

It-tieni punt, ir-reġistrazzjoni tal-Logo kif fuq spjegat. Dan tassew ġie reġistrat f'isem l-intimat Aldo Busuttil f'Awwissu tal-2002, iżda fiħ innifsu jindika ukoll isem is-Soċjeta' rikorrenti, għalkemm veru bil-kliem ame u mhux AME. Imma tenut kont ta' dak li jiddisponi l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, flimkien mal-isem tas-Soċjeta' intimata, din il-Qorti, mingħajr ma qed tgħid li hekk hu

fis-sustanza, ma tistax minn naħa l-oħra teskludi nħolqot konfużjoni kummerċjali li setgħet ġabet preġuduzzju għas-Soċjeta' rikorrenti.

Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora dak li wieġbet is-Soċjeta' rikorrenti:

"*Rispettivament ghal dawk il-klijenti li riedu jibqghu juzaw is-servizzi tieghu min flok tas-Socjeta' rikorrenti, Aldo Busuttil mela l-formuli necessarji fosthom il-Change of Project Health and Safety Suprvisor, <u>li talabhom sabiex jiffirmaw l-ittra ta' ingaggament mas-Socjeta' intimata</u> ame Environment Health sabiex jiffirmaw l-ittra ta' ingaggament mas-Socjeta' intimata ame Environment Health and Safety Services Limited ossia s-Socjeta' ta' Aldo Busuttil prezentement jinsab direttur uniku taghha"*. (Emfażi tal-Qorti).

Fid-dawl ta' dan, l-imsemmi jkompli jargumenta, li ħalla lill-klijenti, (li l-Qorti tifhem dawk li sa dak in-nhar kienu għadhom tas-Soċjeta' rikorrenti) liberi li **jagħżlu** bejn il-kontendi.

Il-Qorti temmen, li kienu jkunu tassew liberi kieku tħallew isibu servizzi oħrajn b'mod ġenerali fis-suq, iżda mhux li jingħataw l-għażla, fi kliem stess Aldo Busuttil, li jiċċaqalqu minn mas-Soċjeta' rikorrenti għal ma' dik appena iffurmata mill-intimat Aldo Busuttil. Imma kif ser jingħad aktar l'isfel, dan huwa punt li jeħtieġ eżami *in funditus* minn dik il-Qorti li għad trid tiddeċiedi dwar is-sustanza tal-pretensjonijiet.

Huwa minnu ukoll li l-oġġetti kollha li kienu jappartjenu lis-Soċjeta' intimata, jidher li ġew depositati l-Qorti u anke hemm indikazzjoni li llum bid-depositu tal-lap tops jista' jkun li għad ma hemmx aċċess eletronikament għall-

informazzjoni tas-Soċjeta' rikorrenti. Imma il-Qorti qatt ma tista' tkun ċerta li dak kollu li kellu x'jaqsam mas-Soċjeta' rikorrenti ġie kollu depositat. Fi kwalunkwe każ, l-istess intimati qiegħdin jasserixxu li bid-depositu imsemmi ma għandhomx interess f'dan il-materjal, għalhekk jekk tiġi milqugħa t-talba anke f'dan ir-rigward, huma mhux ser isoffru ebda preġudizzju.

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tilmaħ dak li minn dawn il-Qrati l-awturi jissejjħu *fumus boni iuris*. Jiġifieri, ix-xamma li jista' jkun hemm ksur ta' dritt. Dwar dan l-element ġuridiku l-awturi jgħidu hekk:

*"Nella non breve storia della tutela cautelare, tale scrutinio preliminare in iure e` stato tradizionalmente chiamato valutazione del fumus boni iuris, formula certo inelegante ma di immediate carica evocativa:*

*la pretesa di merito del ricorrente cautelare… deve essere suscettibile di una delibazione non immediatamente sfavorevole. In altre parole, deve apparire chiaro che il-richiedente potra`- con qualche seppur approssimativa plausibilita` risultare titolare del diritto che vuol vedere subito protetto e cosi` alla fine vincitore nell'eventuale giudizio di cognizione sul merito."* **( Ara Claudio Consolo, Spiegazioni di diritto processuale civile, Vol I – Le tutele (di merito, sommarie ed esecutive) e il rapporto giuridico processuale – 2015, paġna 211**).

Il-Qrati tagħna persistentament abbraċċjaw dan it-tagħlim u anke intqal li: *F'sistemi legali diversi, inkluz dik nostrana, talbiet għall-ordnijiet bħax-xorta ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu akkolti jekk jirriżulta fi proċedura sommarja "a*

*credible claim", l-hekk imsejjaħ "fumus boni iuris". Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem f'sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014 fl-ismiijet "Maria Carmela Maniscalco vs l-Italja"1, liema sentenza kienet titratta ordni kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Taljan, iddefinit il-frażi "fumus boni iuris" bħala "presumption of sufficient legal basis"* (Ara fost oħrajn **digriet tat-8 ta' Novembru 2021, fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 1437/2021 fl-ismijiet:- Air X Charter Limited et -vs- Ditta Mamo TCV Advocates bħala kuraturi deputati et** ).

Il-Qorti tfakkar ukoll, li f'dan l-istadju ta' proċeduri, ma hiex qiegħda b'xi mod tiddetermina il-pretensjoni sostanzjali tas-Soċjeta' rikorrenti għaliex din hija materja riservata għal dik il-Qorti li tiġi adita appositament għalhekk (Ara **digriet fl-ismijiet Malta Union of Teachers -vs- The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A. et.", Rik. Inib. 1066/20, PA tal-25 ta' Settembru 2020**). Għalhekk jekk din il-Qorti tilqa' t-talba, ma jfissirx li fis-sustanza tal-prentensjoni s-Soċjeta' rikorrenti għandha raġun, daqs kemm ma jfissirx li ma għandiex raġun kieku din tiġi miċħuda.

In kwantu jirrigwarda l-intimati l-oħrajn, apparti is-Soċjeta' intimata u Aldo Busuttil, dawn jirrendu xogħol bħala "*service providers*" u dan anke kif jirriżulta minn wieħed mill-kuntratti esebiti tal-intimat Kurt Attard (a' fol 29). Għalhekk, għalkemm jista' jkun li dawn iċċaqalqu minn kumpanija għall-oħra għal-raġunijiet tagħhom, il-Qorti ma hiex konvinta li huma għandhom iwieġbu għal dak li qed titlob is-Soċjeta' rikorrenti fil-proċeduri odjerni. Il-Qorti twissihom

pero', li jridu dejjem jaġixxu in bwona fede għaliex jistgħu dejjem jirrendu lilhom innfushom passibbli għad-danni fil-konfront tas-Soċjeta' rikorrenti.

Għalhekk, il-Qorti waslet għal konklużjoni li minn eżami tal-fatti u ċirkostanzi li għandha quddiemha, t-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti huma ġustifikatu biss fil-konfront tal-intimat Aldo Busuttil u s-Soċjeta' intimata.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed tiddeċiedi billi tilqa' definittivament it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti iżda biss u limitatament għall-intimat Aldo Busuttil u s-Soċjeta' intimata ame Environment Health and Safety Services Limited iżda mhux fil-konfront tal-intimati l-oħrajn.

Konsegwentement qiegħda ukoll tvarja d-digriet proviżorju tagħha tal-20 ta' Ottubru 2022, billi tikkonfermaħ inkwantu jirrigwarda lill-intimat Aldo Busuttil u s-Soċjeta' ame Environment Health and Safety Services ltd u tirrevokaħ fir-rigward tal-intimati l-oħrajn.

Spejjeż a' karigu tal-intimati Aldo Busuttil u s-Soċjeta' intimata.

**Illum 31, ta' Ottubru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**